# Il-*Palladium Theatre* (1952 - 1977)

## Ċinema fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta.

*kitba ta' Victor B. CARUANA*

**Illum** fil-Mosta nsibu ħafna nies li ġew joqogħdu hawn minn diversi bliet u rħula oħra. Ħafna minn dawn, kif ukoll numru ta' żgħażagħ tal-lum xi darba jew oħra daħlu fil-fergħa ta' l-*HSBC* fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta. Iżda l-biċċa l-kbira minn dawn ma jafux kemm kien popolari dan l-istess post żmien ilu, iżda mhux daqshekk fil-bogħod.

## Marzu 1952 - ftuħ ta' ċinema ġdid

Għal ħabta tas-sena 1950, kienu qed jinbnew diversi postijiet għaċ-ċinema f'ħafna rħula ta' Malta. Kien żmien meta kważi kien hawn ċinema f'kull raħal. F'postijiet bħal Birkirkara kien hemm aktar minn wieħed. li kienu l-*Metropole*, il-*Prince* u r-*Roxy Cinema*. L-istess kien hemm fil-Ħamrun, tas-Sliema u l-Gżira. Fil-Belt Valletta kien hemm l-*Embassy*, l-*Ambassador*, l-*Upper Savoy*, il-*Lower Savoy*, il-*Capitol* u l-*Coliseum*.

Fil-perijodu ferm qabel dan iż-żmien kienu jintwerew xi films fil-Mosta f'xi swali żgħar. Post minn dawn kien fejn illum hemm il-*Billiards Hall* fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Iżda kien jintuża xi *projector* antik ħafna u l-films kienu dejjem '*silent*'!

Meta bdew ġejjin il-films bis-'*sound*', dawn bdew jintwerew fil-Mosta fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fejn nistgħu ngħidu li kien hawn l-ewwel ċinema fil-Mosta. Iżda dawn ma kienux daqshekk spissi.

Kien ilha tinħass ix-xewqa fil-Mosta għal ċinema ġdid u modern. Fl-1952 din ix-xewqa seħħet tassew, meta nfetaħ uffiċjalment il-***PALLADIUM THEATRE***. Il-propjetarju kien is-sur Salvu Bartolo. Dan it-teatru kien jesa' 812-il ruħ.

Skond it-*Times of Malta* ta' dak iż-żmien kien modern, komdu u mgħammar *b'Westrex Sound and Projestion System*, li kienet l-aqwa sistema dak iż-żmien. Din żiedet tirraporta li kien hemm sistema ta' ventilazzjoni tajba ħafna u seats komdi ħafna.



***Is-Sibt, 29 ta' Marzu 1952. Waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Palladium. Mix-xellug: Mr. A. Serge (l-ewwel projectionist), is-sur Salvu Bartolo u Mr. V. Major, manager tal-Malta United Film Corporation.***
***(bil-kortesija tas-sinjura Lina Muscat).***



***Is-sur Salvu Bartolo, sid il-Palladium Cinema.***
***Ritratt meħud minn ibnu Joe - fotografu magħruf ħafna dak iż-żmien.***
***(bil-kortesija tas-sinjura Tessie Grech).***

## Is-Sibt fil-għaxija - il-ftuħ uffiċjali

Kien propju id-29 ta' Marzu 1952, meta l-programm ta' l-inawgurazzjoni fetaħ bid-diskorsi ta' l-okkażjoni mis-sur V. Major, li kien il-maniġer tal-*Malta United Film Corporation* u l-propjetarju, is-sur Salvu Bartolo. Imbagħad beda ix-*show* tiegħu fuq il-palk, is-sur Alfie (Effie) Serge.

Is-sur V. Major qal li kien kuntent li issa l-Mostin kellhom ċinema modern u ġdid u tassew komdu. Huwa qal ukoll li kien ilu jinħass il-bżonn ta' swali taċ-ċinema attrezzati tajjeb, biex dawk li jattendu jgawdu kemm mill-kwalità tajba tal-wiri tal-films kif ukoll minn maniġment tajjeb. Huwa kompla li l-kumpanija tiegħu kienet ser tipprovdi films tajbin u li ma joffendux il-moral tal-pubbliku.

Fost il-mistednin distinti kienu preżenti s-sinjura V. Major, Dr. Carmel Schembri M.L.A. - *Deputat Speaker* ta' l-Assemblea Leġislattiva u s-sinjura tiegħu, Dr. A. Schembri Adami - Membru ta' l-Assemblea Leġislattiva u s-sinjura tiegħu, u *Squadron Leader* Wyndham Grech u s-sinjura.

Dakinhar tal-ftuħ uffiċjali kien intwera l-film '***SAMSON AND DELILAH***'. L-atturi prinċipali kienu Victor Mature u Hedy Lamarr. Kienu twaħħlu strixxi kbar bil-kliem '*First Run in Malta*', biex juru li dan il-film qed jintwera l-ewwel darba f'Malta. L-għada dan il-film beda jintwera l-Belt. Fil-25 sena li dam miftuħ il-*Palladium* qatt ma reġa' kellu opportunità bħal din.




***Il-kartellun tal-film** 'Samson and Delilah' **il-film li ntwera fil-ftuħ uffiċjali.***
***(Iż-żewġ ritratti tal-kartelluni ġew mgħoddija lili mis-sur Andrew Borda).***

Għalkemm dan il-film kien *'first run in Malta'*, dan il-film kien ħareġ fl-Istati Uniti ta' l-Amerika tlett snin qabel!

Dak iż-żmien il-films kienu jġibuhom Malta l-M.U.F.C. (*Malta United Film Corporation*) u dawn l-ewwel ma kienu jintwerew kienu fis-swali taċ-ċinema tal-Belt, imbagħad f'Tas-Sliema, imbagħad kienu jduru l-kumplament ta' Malta. Ġieli kienu jgħaddu xahrejn u anke iżjed minn mindu film jintwera l-Belt sa ma jasal il-Mosta.

## Provi, *Projectionists* u l-isem *'Palladium'*

Qabel il-ftuħ tal-*Palladium* kienu saru żewġ provi biex jissetjaw il-*projectors* u s-*sound*. L-ewwel prova saret bil-film ***'The Jolson Story'*** dwar il-kantant Al Jolson. Larry Parks kien ħadem il-parti ta' Al Jolson, iżda kienet tinstema' l-vuċi vera ta' Al Jolson waqt il-kanzunetti tiegħu. It-tieni prova saret bil-film ***'Annie Get Your Gun'*** bl-artisti Betty Hutton u Howard Keel.

L-ewwel *projectionist* kien Effie Serge. Warajh ġie Paul Gauci min-Naxxar li dam għal bosta snin. Imbagħad emigra lejn l-Awstralja u miet hemm. Huh kien il-*projectionist* taċ-ċinema *'Mikado'* ta' San Pawl il-Baħar. Dan ukoll fetaħ fi żmien il-*Palladium*, iżda għalaq wisq qabel. Dan kellu t-tarf ta' wara (fejn kien hemm l-iskrin) jagħti għal fuq għalqa. Biż-żmien fetħuh minn wara u bidluh f'garaxx kbir. Il-faċċata tiegħu għalkemm qadima għadha kif kienet qabel. Dan jinsab erba' passi 'l bogħod mill-knisja parrokkjali, fuq in-naħa l-oħra, bieb ma' bieb mas-Sirens Bar.

Wara Paul Gauci, sar *projectionist* Agostino, iben il-propjetarju Salvu Bartolo. Iżda dan ukoll tħajjar jemigra u llum jinsab l-Awstralja, fejn ilu mhux ħażin. Hawnhekk daħal *projectionist* Lino, iben ieħor ta' Salvu Bartolo. Tista' tgħid li Lino baqa' *projectionist* għall-aħħar ħmistax-il sena tal-*Palladium* minbarra għal tlett ijiem! Dan kien meta żżewweġ lil Lina Magri u mar tlett ijiem 'qamar il-għasel'! F'dawn it-tlett ijiem ħadlu postu Andrew Borda (is-sagristan tar-Rotunda).

Fil-kumpless tal-bini tal-*Palladium* kien hemm xi flattijiet li kienu jinkrew lill-Ingliżi. Dawn ma kienux turisti, iżda suldati Ingliżi li kienu jgħixu hawn Malta mal-familji tagħhom. Kienu dawn li ssuġġerew l-isem ***'PALLADIUM'*** bħal tat-teatru famuż f'Londra li għadu jeżisti sal-lum. Salvu Bartolo stess kien joqgħod f'parti minn dan il-kumpless, flimkien mal-familja tiegħu. Salvu, martu u wliedu kollha kienu jagħtu daqqa t'id fl-organizzazzjoni tal-*Palladium*.




***Il-kartellun tal-film** 'Annie Get Your Gun' **wieħed miż-żewġ films li saru bi prova. Minbarra fil-faċċata tal-Palladium, kien ikun hemm ukoll kartelluni oħra. Wieħed kien ikun fuq il-bieb ta' Reno's Hairdresser u ieħor fuq il-bieb tal-ħanut tal-kafè li kien hemm fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, kantuniera ma' Triq it-Torri (faċċata tal-Quicksell).***

## Prezzijiet tad-dħul u ħinijiet

Fil-bidu, il-prezz tad-dħul kien ta' 10 soldi (4ċ.). Wara ftit sar *1s 2d* (xelin u żewġ soldi jew 5ċ. 8m.) isfel u *1s 8d* (xelin u tmin soldi jew 8ċ.) fuq. Kien isir *Sunday Matinee* għat-tfal bil-prezz ta' 8 soldi (3ċ. 2m.). Dan ix-*show* kien jibda fl-għaxra ta' fil-għodu. Dawn il-prezzijiet inbidlu ħafna matul is-snin. Kien hemm żmien fejn il-prezz kien ivarja jekk il-film kienx ikun *'black & white'* jew 'kulur', u jekk ikunx *'flat'* (normali) jew bis-*'cinemascope'* (skrin kbir).

Il-films normalment kienu jintwerew mit-Tnejn sas-Sibt fis-6.00 pm u fit-8.00 pm. Nhar ta' Ħadd minbarra l-*matinee* ta' l-10.00 am, kien ikun hemm shows fis-2.00 pm, fis-6.00 pm u fit-8.30 pm. Jien niftakar tajjeb żewġ eċċezzjonijiet għal dawn il-ħinijiet. Dawn kienu waqt il-wiri tal-films *'The Ten Commandments'* u *'Song of Bernadette'*. Normalment il-films kienu jinbidlu kuljum. Iżda dawn iż-żewġ films intwerew għal diversi ġranet konsekuttivi u kien ikun hemm shows anke fl-10.00 am nhar ta' xogħol.

Jien niftakar ukoll l-film ta' Charlton Heston *'The Ten Commandments'* u *'Ben-Hur'* ta' Heston ukoll u ta' Stephen Boyd kienu ntwerew għal diversi ġranet konsekuttivi. L-istess ġara bil-film *'The Vagabond King'* ta' l-attur Malti Oreste Chircop u Kathrine Grayson. Dan sar fl-1956 u wasal Malta sentejn wara.

Fiż-żmien li nfetaħ il-*Palladium*, iċ-ċinema kien popolari ħafna, billi ma kienx hawn televiżjoni, u meta dan wasal, dam ħafna ma wasal f'kull dar. Fl-istess xhur




A.




B.

***Ritratt A jurina l-faċċata taż-żewġ biljetti tad-dħul tal-Palladium bi prezzijiet differenti. F'dak t'April 1972 jidher il-prezz bis-sistema tal-flus l-antika, ftit qabel il-bidla għas-sistema deċimali tal-lum.***

***Fir-ritratt B hemm iż-żewġ dati tad-dħul kif ukoll it-timbru tal-Palladium.***

li nfetaħ il-*Palladium*, fetħu dawn is-swali taċ-ċinema: '*Ir-Ritz*' fil-Ħamrun, l-'*Adelphi*' fir-Rabat (Malta), il-'*Mikado*' f'San Pawl il-Baħar, u l-'*Metropole*' f'Birkirkara.

## L-aktar films popolari fil-*Palladium*

Ta' min jagħti tagħrif dwar l-aktar films popolari li ntwerew fil-Palladium. Dawn kienu:

***'The Song of Bernadette'*** bl-attriċi Jennifer Jones (*black & white*). Dan ħareġ fl-Amerika fl-1943, u dam madwar 8 snin biex wasal Malta!

***'The Miracle of Fatima'*** bl-attur Gilbert Roland. Dan kien tal-*Warner Colour* u ħareġ fl-Amerika fl-1952.

***'The Ten Commandments'*** bl-atturi Charlton Heston u Anne Baxter (kulur). Dan ħareġ fl-Amerika fl-1956, u ntwera għall-ewwel darba f'Malta fl-Ambassador fil-Belt fl-1960. Intwera fil-*Palladium* fl-1961.

***'The Vagabond King'*** bl-attur Malti Oreste Chircop u Katherine Grayson. Dan kien bil-kulur ukoll u nħareġ fl-Amerika fl-1958.

***'Ben-Hur'*** (*Technicolour*) bl-atturi Charlton Heston u Stephen Boyd. Ħareġ fl-Amerika fl-1962.

## Is-*signature tune* u reċti fil-*Palladium*

Matul il-ħamsa u għoxrin sena li dam miftuħ dejjem intużat l-istess *signature tune* qabel ma kien jibda l-film. Dan kien marċ militari bl-isem '***Theatre Land***'. F'nofs il-film dejjem kien ikun hemm *intermission*. Dan kien intervall ta' madwar għaxar minuti, u bħala sinjal li l-film ser ikompli kien jindaqq il-marċ '***Stars and Stripes Forever***' ta' John Philip Sousa.

Fiż-żmien li dam miftuħ, għalkemm mhux bosta drabi, il-*Palladium* ġieli ntuża bħala teatru minflok iċ-ċinema. Saru xi rappreżentazzjonijiet mill-Kumpanija *Stage Commandos*. Fuq il-palk dehru bosta atturi magħrufa bħal per eżempju: Charles Clews, Johnny Catania, Armando Urso u Rose Laiviera. Deher ukoll il-magħruf kummidjant Johnny Navarro.

Darba kienet saret serata ta' kant organizzata mis-sur Hector Muscat, dak iż-żmien President tal-Mosta F.C. Kienu ħadu sehem bosta kantanti magħrufa ta' dak iż-żmien. Dakinhar kienet dehret aktarx għall-ewwel darba quddiem ħafna nies tifla ta' madwar 8 snin. Kellha vuċi tassew ħelwa u ntlaqet b'applawsi kbar. Mur għidilhom dawk in-nies li xi darba din kellha tkun kantanta tassew brava u li anke għamlet unur lil Malta fil-*Eurovision Song Contest*. Din ma kienet ħadd ħlief Mary SPITERI!

Din is-serata kienet saret taħt it-tmexxija tas-surmast Victor Zammit - eks surmast tal-Banda Nicolò Isouard, u li kien u għadu joqgħod faċċata ta' fejn kien il-*Palladium*. Darba oħra kienet ittellgħet serata oħra mill-Grupp taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara tal-Mosta. Il-*Palladium* ġieli ntuża wkoll għar-*rallies* miż-żewġ partiti politiċi ewlenin.

## Il-*Bookings* għax-*Shows*

Meta ssemmi l-*Palladium Cinema* ma tistax tinsa l-figura ta' Ġanni Scicluna. Dan flimkien ma' Lina, bint Salvu, kienu jieħdu ħsieb il-*bookings* tal-biljetti. Dan ġeneralment dejjem kont issibu fuq banketta għolja jistenna biex jaqtagħlek il-biljett qabel ma tidħol. Dan tista' tgħid għamlu kull ġurnata li dam miftuħ it-*talkies*. Kien raġel twil, ismar u smart ħafna, bil-mustaċċi żgħar irqaq stil ta' ħafna artisti ta' dak iż-żmien. Ta' tifel li kont dejjem kont naħsbu xi'*Zorro* jew xi pirata li ħareġ minn ġo l-iskrin.

Għadni kif semmejt il-kelma '*talkies*'. Dak iż-żmien ħadd ma kien jgħid ċinema, imma '*talkies*'. Din il-kelma kienu vvintawha l-Amerikani meta bdew l-ewwel films bis-*sound*. Din il-kelma tant daħlet li kulħadd sar jaf lis-sur Salvu Bartolo bħala Salvu tat-*Talkies*!

Dan iċ-ċinema kien popolari ħafna u kellu attendenza tajba għal bosta snin. Nhar ta' Tnejn kienu jitwaħħlu l-kartelluni tal-ġimgħa kollha fil-*foyer* u mal-faċċata ta' barra. Dawn kienu jkunu kkuluriti ħafna bl-isem tal-film u ta' l-artisti fuq sfond minn xi xena mill-film. Ma' kull kartellun kien ikun hemm daqs sitt ritratt (8 pulzieri x 10) b'xeni mill-film biex aktar iħajjru lin-nies.

Is-sur Andrew Borda, is-sagristan tal-Mosta, għandu kollezzjoni kbira ta' dawn, aktarx l-unika u l-akbar waħda f'dawn il-gżejjer. Biex tibbukkja għas-Sibt jew il-Ħadd għall-film tas-18.00 kien ikollok tibbukkja mill-Ħamis u kont trid toqgħod fil-kju!

## Il-bidu tat-tmiem tal-*Palladium* - it-*TV*

Kienet il-wasla tat-televiżjoni f'Malta li bdiet ittellef il-popolarità taċ-ċinema. Bħal kull ħaġa ġdida din saret atttrazzjoni speċjali u bdiet iżżomm aktar nies id-dar - (dak iż-żmien!). Ir-*RAI* (*Radio Televisione Italiana*) beda jittrasmetti bi prova fl-1956. Dan kien jinqabad minn Malta f'Lulju ta' l-1958. Dawn kienu trasmissjonijiet abjad u iswed. F'inqas minn xahar wasal l-ewwel TV f'Malta. Niftakar qisu l-bieraħ. L-ewwel *television* li ġie kien fil-vetrina ta' l-*Electro Store*, li dak iż-żmien kien fi Strada Żakkarija, il-Belt. Ommi ħaditni l-Belt u dħalna fir-rassa, kulħadd jimbotta biex naraw dan l-ewwel TV!



*Il-faċċata tal-Palladium, jumejn wara li għalaq. Ta' min jinnota li l-erba' notice boards tal-kartelluni fil-ġnub tal-bieb prinċipali huma vojta, filwaqt li dawk li hemm fin-notice boards fil-għoli għadhom bil-kartelluni.*
*(ritratt meħud mis-sur Joe Bartolo u mgħoddi lili mis-sinjura Lina Muscat).*

Madwar xahrejn wara ġie l-ewwel TV fil-Mosta. Dan kien għand il-familja tas-sur Joseph u Julia Sammut, li kienu joqgħodu f'nru. 23, Triq il-Kungress Ewkaristiku. Dak iż-żmien il-programmi kienu jibdew fil-17.30 u jispiċċaw fit-20.30. Dan it-TV kienu poġġewh fil-kamra ta' barra fis-salott. Ta' tfal li konna, konna mmorru kmieni ħafna nistennew wara l-persjana fuq il-bankina! Is-sur Joseph Sammut kien twajjeb ħafna u kien jiftħilna l-persjana biex inkunu nistgħu naraw.

Bil-mod il-mod it-TV beda jinxtered ma' Malta u Għawdex kollha. B'hekk disgrazzjatament il-popolarità taċ-ċinema bdiet tonqos kuljum. Fid-29 ta' Settembru 1962 sar il-ftuħ uffiċjali ta' l-istazzjon televiżiv Malti, dak iż-żmien bl-isem ta' MTV. Din l-istess kumpanija kienet timmonta s-settijiet tat-televiżjoni wkoll u anke tieħu ħsieb twaħħallek l-*aerial* fuq il-bejt. Dan kien ifisser ukoll it-tmiem tal-passatemp tagħna t-tfal u anke ta' ħafna rġiel kbar - dak li ntajjru t-tajra tal-karti minn fuq il-bjut, minħabba li kollha bdew jitqattgħu ma' l-*aerials*.



*Il-faċċata tal-Palladium kif inhi llum bil-logo ta' l-HSBC fuq il-bieb prinċipali tal-Bank. Il-bieb iż-żgħir tan-naħa tal-lemin jagħti għad-dar li fiha kien joqgħod is-sur Salvu Bartolo u familja tiegħu.*
*(ritratt: Vivtor B. Caruana).*

Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-programmi kienu bl-Ingliż, kien hemm ftit programmi bil-Malti u dan ġibed l-attenzjoni ta' dawk li ma kienux jifhmu bit-Taljan. It-trasmissjonijiet damu bl-abjad u iswed sa l-1981, meta l-MTV beda jittrasmetti bil-kulur. Fis-snin '70, ħafna swali taċ-ċinema bdew jagħlqu. Wara l-1975, il-*Palladium* beda jbati ħafna minħabba nuqqas ta' attendenza. Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu 1977, dan għalaq il-bibien tiegħu.

## L-aħħar film - '*The Hindenburg*'

L-aħħar film li ntwera kien '*The Hindenburg*' tad-direttur Robert Wise. It-tlett atturi prinċipali kienu: George C. Scott, Anne Bancroft u Burgess Meredith, u kien inħadem fl-1975. Billi n-nies kienu jafu li kien ta' l-aħħar, kien hemm xi wħud li marru biex jgħaddu ż-żmien. Dan kien it-tmiem tal-*Palladium*, li dejjem kien miżmum tajjeb, nadif ħafna u dejjem kien ta' pjaċir għal dawk li kienu jattendu.

Is-sur Salvu Bartolo kien bniedem dħuli, ċajtier u edukat. Iżda waqt il-films kien iżomm ordni sħiħa. Bis-saħħa tiegħu l-*Palladium* kellu fama tajba ħafna. Niftakru tajjeb li għalkemm twajjeb kemm tridu, kien jirnexxilu jżomm kontroll, anke fuq żgħażagħ li xi kultant kienu jkunu imqarbin aktar mis-soltu. Għalkemm kien iebes, kulħadd kien iħobbu u jirrispettah. Salvu kien miżżewweġ lil Anna u kellhom sebat itfal. Huwa kien iħobb jonsob għall-gamiem. Salvu miet fl-4 ta' Settembru 1984 fil-għomor ta' 73 sena.

Jgħidu li r-rota ddur dawra tond. Illum għalkemm hawn aktar minn TV wieħed f'kull dar, iċ-ċinema reġgħa sar popolari mhux ħażin. It-teknika tal-ġbid tal-films tal-lum għamlet avvanzi kbar. Naħseb li taqblu miegħi li f'belt moderna bħalma hi l-Mosta llum, xieraq kieku jkollu jkun hawn ċinema modern.

Ftit wara li għalaq il-*Palladium*, sar tibdil f'dan il-post u nbidel fl-uffiċini tal-*Mid-Med Bank*, li qabel kien jismu *Barclays Bank*. Dan qabel ġie hawn kien fl-istess triq fejn illum hemm il-*Marpac Household Stores*. Illum flok dan l-isem, iġib *HSBC* - il-bank ta' fama mondjali. Għalhekk meta nkun sejjer il-bank, lill-mara ngħidilha "sejjer sal-*Palladium*"!!

2 ta' Frar 2003.

**Nota:**
Dan l-artiklu sar bil-għajnuna ta' ulied is-sur Salvu Bartolo: is-sur Lino Bartolo, ħabib personali u eks kollega tiegħi fis-Seminarju; is-sinjura Lina Muscat u s-sinjura Tessie Grech. Grazzi wkoll lis-sur Tony Muscat u s-sur Salvu Catania.